**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 22 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 1409/01 AJD**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Muscat u l-istess Anthony Muscat**

**vs**

**M. Giuseppe Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm231.50), rapprezentanti mitejn u tmintax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm218.50) spejjez ta' riparazzjoni fuq il-vettura ABG 686 li minnhom mitt lira Maltin (Lm100.00) thallsu mill-attur Anthony Muscat bhala 'excess', tlett liri Maltin (Lm3.00) ghar-Road Accident Report, ghaxar liri Maltin (Lm10.00) ghas-Survey Report, wara l-incident stradali tad-9 ta' Ottubru, 2000, fi Triq Marina, Msida, bejn vettura ABG 686 misjuqa mill-attur Anthony Muscat u DAH 302 misjuqa mill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Awissu, 2001, u dawk tal-itrra ufficjali prezentata mal-Avviz tat-Talba, u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-
It-talba tal-atturi ghandha tigi michuda stante:-

1. li hija karenti minn dikjarazzjoni ta' responsabilita' danni;

2. il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-ispejjez inkorsi mill-atturi u dan kif jigi pruvat waqt il-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Mark Axiaq, l-attur Anthony Muscat, WPS 131 Nicholette Leotta u tal-konvenut Giuseppe Spiteri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2002, fejn il-konvenut iddikjara li huwa kien qed jikkontesta biss ir-responsabilita' ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza u mhux il-quantum tad-danni reklamati.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-
1. Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Ottubru, 2000, f'Marina Street, Pieta', bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABG 686 misjuqa mill-attur Anthony Muscat u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAH 302 misjuqa mill-konvenut. Hemm ftit ta' disgwid dwar il-lokalita' tal-incident fis-sens li fir-Road Accident Report (a fol. 28) hemm indikat li l-incident sehh fi Triq ix-Xatt, L-Imsida, filwaqt li l-partijiet fix-xhieda taghhom isemmu li l-incident sehh f'Marina Street, Tal-Pieta'. Fi kwalunkwe kaz is-surgent li nvestigat il-kaz, WPS 131, Nicholette Leotta, fix-xhieda taghha tat-28 ta' Marzu, 2002, specifikat li l-kollizzjoni sehhet quddiem is-Sa Maison Hotel, Tal-Pieta'.

2. Illi l-attur Anthony Muscat xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni ABG 686 f'Marina Street, Pieta', u kien gej mid-direzzjoni tal-Belt. Waqt li kien ghaddej minn hdjen il-Give Way Sign li hem indikata fl-iskizz, lemah il-vettura tal-konvenut wieqfa fuq l-istess Give Way Sign, huwa baqa' jipprocedi ghad-dritt meta f'daqqa wahda hass daqqa fuq wara. Huwa kkonferma li l-hsara fil-vettura tieghu kienet kif indikata fl-iskizz u fir-ritratti esibiti a fol. 15. Huwa jaqbel mal-posizzjoni tal-vettura tieghu kif indikata fl-iskizz.

3. Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAH 302. Kien niezel minn hdejn il-Curia u ried imur lejn Sa Maison. Qabel ma dar ghal Sa Maison, waqaf, ra li t-triq

kienet libera u pproceda biex johrog fuq il-karreggjata ta' barra. Kien hemm vettura quddiemu li waqfet u ghalhekk huwa ghamel l-istess u malli l-istess vettura regghet bdiet timxi huwa kien ser jipprocedi meta dahlet fil-karreggjata tieghu il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABG 686 u laqtitu fuq il-'unit indicator' tan-naha tax-xellug u l-'bumper'. Din il-vettura baqghet miexja tul ta' zewg karozzi wara l-impatt. Mistoqsi mit-Tribunal x'distanza kien hemm bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu, huwarrisponda li kien hemm tul ta' karozza.

4. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-konvenut hija ghal kollox inverosimili u dan ghal diversi ragunijiet. IL-verzjoni li huwa ta lis-surgent a tempo vergine hija ghal kollox differenti mid-deposizzjoni tieghu viva voce quddiem it-Tribunal. Fir-Road Accident Report (a fol. 29) jirrizulta li l-konvenut "stated that when he saw that the road was clear, he drove out onto Marina Street, when the other vehicle collided into his". Jidher ghalhekk li a tempo vergine l-konvenut ma semma' xejn dwar il-vettura l-ohra li waqfet quddiemu u l-anqas ma indika li l-attur ippunta ghal quddiemu fil-mument li l-vettura ta' quddiemu mxiet. Inoltre ma jsemmiex li fil-mument tal-impatt huwa kien wieqaf.

5. Illi l-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz u l-hsara fil-vetturi hija ghal kollox kompatibbli mal-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-attur. Del resto jrid jinghad li l-verzjoni moghtija mill-attur a tempo vergine u dik moghtija viva voce quddiem it-Tribunal huma identici.

6. Illi jrid jinghad ukoll li d-daqqa fil-vettura tal-attur Anthony Muscat hija l-gewwa u dan jindika li kien il-konvenut li dahal fil-vettura tal-attur u mhux vice versa.

7. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut li emerga minn fuq Give Way Sign minghajr ma zamm 'proper lookout'.

8. Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq, il-konvenut m'huwiex qed jikkontesta l-quantum tad-danni u inoltre l-atturi esibew l-ircevuti kollha relattivi ghall-hsarat sofferti minnhom (a fol. 9 et seq).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u wiehed u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm231.50) bl-imghaxijiet legali pagabbli mit-28 ta' Awissu, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tta-28 ta' Awissu, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**